MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Numru 3/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Albert Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Albert Girmali bih huwa gie akkuzat talli:

Wara illi l-Avukat Generali ippermetta fl-Ewwel Kap illi fit-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-jiem ta' qabel, l-akkużat Albert Grima iddeċieda li jagħtiha għat-traffikar tad-droga Cannabis billi jbiegħ, jipprokura u jforni l-istess droga lili diversi persuni f'Malta u f'Għawdex. Grima beda iħaddem id-droga ġewwa kamra f'nofs għalqa li kienet tappartjeni lil missieru billi jaqta l-Cannabis fi blokkok u dan sabiex iforniha lil dawn il-persuni skond il-bżonn, kif fil-fatt għamel. Ta' dan l-akkużat kien jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. Fortunatament l-akkużat inqabad mill-pulizija nhar it-8 ta' Ġunju 2008 u fil-fatt, l-akkużat instab fil-pussess ta' elf

erba mija ħamsa u erbgħin punt żewġ grammi (1445.2 grammi) tar-raża cannabis fil-forma ta’ sitt blokkok tal-istess sustanża, liema droga għandah l-valur kumplessiv ta’ disat elef mitejn u sebgħin Ewro (€9270). Jirriżulta wkoll ex admissis illi l-akkużat kellu blokka oħra apparti minn dawk li instabu mill-puliżija, liema droga kienet inbiegħet minnu stess versu l-preżż ta’ madwar sitt mija u erbgħin Ewro (€640).

Illi b’għemilu l-imsemmi Albert Grima sar ħati talli biegħ jew xort’oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis mingħajr ma’ kellu liċenża mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita’ apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma’ kien fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew

awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101), u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenżja li jipprokura l-istess droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Albert Grima, ħati talli biegħ jew xort’oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis mingħajr ma’ kellu liċenża mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita’ apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma’ kien fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101), u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenżja li jipporkura l-istess droga; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat

għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Wara illi l-Avukat Generali ppermetta fit-tieni Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi ndikati fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fit-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-jiem ta' qabel, l-akkużat Albert Grima xjentement kellu fil-pussess tiegħu elf erba mija ħamsa u erbgħin punt żewġ grammi (1445.2 grammi) tar-raża cannabis fil-forma ta' sitt blokkok tal-istess sustanża, liema droga għandha l-valur kumplessiv ta' disat elef mitejn u sebgħin Ewro (€9270). Jirriżulta wkoll ex admissis illi l-akkużat kellu blokka oħra apparti minn dawk li instabu mill-puliżija, liema droga kienet inbiegħet minnu stess versu l-prezz ta' madwar sitt mija u erbgħin Ewro (€640). Irriżulta wkoll li l-akkużat kien uża ammont żgħir minn din id-droga għaliħ personalment iżda l-maġġor parti tas-sustanża misjuba kienet ser tiġi mibjugħa, prokurata u fornuta lil terżi persuni. In oltre l-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli li ċertament ma' tindikax skop ta' użu personali.

Illi b'għemilu l-imsemmi Albert Grima sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-

liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Albert Grima ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Albert Grima, tat-13 ta’ Jannar, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti ta’ l-akkuzat Albert Grima ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta’ prigunerija ghal-perijodu ta’ seba` (7) snin flimkien ma’ multa ta’ sittax il-elf u tlett mitt Euro (€16,300) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tasattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolu [Kap. 101] inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli ta’ l-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Albert Grima hati talli:

1. Fit-tmintax (18) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-jiem ta’ qabel biegħ jew xort’oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis mingħajr ma’ kellu liċenża mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita’ apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma’ kien fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101), u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga

msemmija, u mingħajr ma kellu liċenżja li jipporkura l-istess droga;

2. Fit-tmintax (18) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-jiem ta’ qabel, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, meta’ ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta’ ma’ kienx bil-liċenza jew xort’ oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma’ kienx awtorizżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita’ mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma’ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Ikkunsidrat,
Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta’ barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**” [24.2.1997] (Qorti Kriminali); “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali); “**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”** [17.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;
Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b’arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli -artikoli 2, 8(a), 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3, 4(a) u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil hati Albert Grima ghal-piena ta' prigunerija ghal-perijodu ta' seba` (7) snin flimkien ma' multa ta' sittax il-elf u tlett mitt Euro (€16,300) li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f' terminu ta' sena prigunerija kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elfjen erbgha mija u disgha u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu **(€2489.71),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------